# L-Istatwa Titulari tal-Mellieħa u l-Iskultur tagħha

Dr John Debono



L-istatwa titulari tal-Madonna kif oriġinalment magħmula mill-iskultur Pietro Paolo Azzopardi

Fis-sekli ħmistax u sittax, in-naħa ta' fuq ta' Malta kienet miftuħa wisq għall-attakki kontinwi tal-Misilmin u l-furbani. Dan ġiegħel lill-biċċa l-kbira tal-poplu tabbanduna dawn l-inħawi fosthom il-Mellieħa li ma baqgħetx iżjed parroċċa.[1] Mal-medda taż-żmien il-popolazzjoni bdiet tiżdied ġmielha u kien fis-sena 1844 li l-Isqof Franġisku Saverju Caruana reġa' waqqafha parroċċa.[2] Fis-snin ta' wara s-Santwarju tal-Madonna ġie mkabbar u fi żmien it-tieni kappillan, Dun Giuseppe Baldacchino, il-knisja żżejnet bl-istatwa titulari tat-twelid tagħha.[3]

**Il-vara titulari tat-twelid ta' Marija Verġni**

Ftit aktar minn 150 sena ilu, fil-31 ta' Marzu 1853, Dun Giuseppe di Stefano mill-belt Valletta qabbad lill-iskultur Pietro Paolo Azzopardi[4] biex sat-8 ta' Settembru ta' l-istess sena jiskolpixxi fl-injam statwa li tirrappreżenta t-twelid tal-Madonna.[5] Din l-istatwa għolja erba' *palmi* u żewġ terzi mqegħda fuq globu kellha tkejjel sitt *palmi* u kwart biex hekk b'dawn il-qisien l-istatwa tkun ugwali għal dik tal-parroċċa kolleġġjata ta' l-Isla li kienet tinġarr proċessjonalment nhar il-festa.[6]

L-iskultur Azzopardi ried jagħmel ħiltu biex joħroġ statwa artistika, li bil-mant u l-libsa tagħha tidher qisha ħajja, impittra, indurata u arġentata. Barra dan, kellu jaħdem ukoll il-pedestall, il-bradella, il-lasti u l-forċini. Il-pedestall kellu jkun bħal dak li huwa wera lil Dun Giuseppe u flimkien mal-bradella kellhom ikunu indurati u impittra. Is-sħab ta' l-immaġini flimkien mal-globu kellhom jiġu arġentati u mpittra b'kulur ċelest trasparenti. Ta' dan ix-xogħol kollu l-iskultur kellu jirċievi s-somma ta' 300 skud li minnhom irċieva 75 skud bil quddiem. Il-kumplament kellu jitħallas fi tliet partijiet – terz minnhom kif il-pedestall ta' l-istatwa jkun lest, terz ieħor hekk kif jibda x-xogħol ta' l-induratura u l-aħħar terz hekk kif l-istatwa tkun lesta minn kollox b'sodisfazzjon.[7]

Il-partijiet ftehmu wkoll li jekk l-istatwa ma tkunx lesta biex tinġarr proċessjonalment nhar it-8 ta' Settembru allura l-iskultur kellu jeħel penali ta' 5 skudi għal kull jum li jibdew jgħoddu minn nhar il-festa sakemm l-istatwa tkun kompluta, flus li riedu jitnaqqsu mill-aħħar pagament li kellu jirċievi. Għal dan il-għan Giuseppe, iben l-iskultur Pietro Paolo, aċċetta li flimkien ma' missieru jagħmel tajjeb għal xi nuqqasijiet f'din l-obbligazzjoni.

Nhar is-6 ta' Settembru 1853 l-istatwa ta' Marija Bambina nġarret mid-dar/ħanut numru 7, Triq il-Punent, Valletta ta' Pietro Paolo lejn il-knisja tal-Karmnu fejn tbierket mill-Isqof Publiju Sant.[8] Fl-1916 lil din l-istatwa sarulha tibdiliet sostanzjali fir-ras u fl-idejn mill-iskultur Antonio Sapiano li ndaħal għal din il-biċċa xogħol ta' restawr u hekk ma baqgħetx b'dak l-istil oriġinali tagħha.[9] Barra dan hu għamel pedestall u raġġiera ġodda, bradella bil-bankun minn injam tat-tik u ċipress, skultura fil-ġewż u erba' simboli skolpiti fil-bankun.

**Xi xogħlijiet oħra ta' l-iskultur Pietro Paolo**

Pietro Paolo beda l-karriera tiegħu bħala skultur fil-ġebla Maltija. Statwa tar-Redentur misjuba fil-kappella ta' Santu Kristu ġewwa Ħal Għaxaq u statwa ta' Santa Katarina f'niċċa ġewwa triq fiż-Żurrieq huma fost xogħlijiet ewlenin tiegħu.[10]

Barra minn statwi ta' l-injam u tal-ġebel, Pietro Paolo ħadem ukoll puleni għal bastimenti bil-qlugħ u gandlieri, slaleb u tiżjin ieħor ta' l-artali għal knejjes. Fl-artiklu ta' E. F. Montanaro nsibu lista interessanti ta'


L-Istatwa tal-Bambina kif narawha llum

statwi ta' l-injam maħduma minnu tul ħajja ta' aktar minn tmenin sena.[11] Fost dawn insibu statwi tal-Ġimgħa l-Kbira, San Ġorġ u San Ġwann Battista f'Għawdex, Sant'Agata, San Mikiel, San Ġużepp, il-Madonna taħt diversi titli u l-Eżaltazzjoni tas-Salib. Reċentement sirna nafu li l-istatwa ta' San Feliċissimu meqjum fil-parroċċa ta' Ħal Luqa u li fiha partijiet mill-ġisem qaddis tiegħu hi xogħol ta' dan l-iskultur inġenjuż u meqjusa bħala waħda mill-aqwa xogħlijiet artistiċi tiegħu.[12] It-tagħrif li ġej fuq xi wħud minn dawn l-istatwi huwa meħud prinċipalment minn kuntratti notarili li s'issa qatt ma ġew pubblikati biex hekk il-qarrej jifhem aħjar kif kienu jitwettqu l-obbligazzjonijiet bejn il-prokuraturi u l-iskultur.

Fl-1 ta' Lulju 1826 Dun Antonio Albanese u Dun Luigi Ellul, il-prokuraturi tal-konfraternita tar-Rużarju ġewwa l-parroċċa ta' Bormla, qabbdu lill-iskultur Pietro Paolo Azzopardi biex jiskolpixxi fl-injam statwa tirrappreżenta lill-Madonna tar-Rużarju skond mudell li hu nnifsu kien uriehom waqt laqgħa magħhom fl-4 ta' Ġunju.[13] Azzopardi kellu jpittirha u jinduraha minn rasha sa saqajha kollox għall-prezz ta' 225 skud. [14] L-injam ġie provdut mill-istess konfraternita'. Ix-xogħol kellu jkun komplut fi żmien ħmistax-il xahar, u jekk min-naħa tiegħu l-iskultur ma jwettaqx l-obbligazzjoni fi żmienha, jeħel penali ta' 10 skudi għal kull xahar mitluf. Dan ma seħħx għax fi ftit inqas minn sentejn wara, l-istatwa tal-Madonna kienet lesta għas-sodisfazzjon ta' kulħadd.[15]

Xi ftit taż-żmien qabel 1853 Pietro Paolo telaq minn Bormla fejn kien mar jgħix mal-ġenituri tiegħu u reġa' lura lejn il-belt Valletta fejn kien twieled.[16] Fis-16 ta' Ottubru 1853 il-prokuraturi ta' l-istess konfraternita' tar-Rużarju ġo Bormla qabbduh biex jirranġa l-iskultura ta' l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u flimkien mal-pedestall tagħha jindurahom, jarġentahom u jpittirhom taħt id-direzzjoni ta' Felice di Giovanni.[17] Hu aċċetta li jtemm dan ix-xogħol sal-15 ta' Awissu 1854 għall-prezz ta' 160 skud. Hu kellu jipprovdi l-materjal meħtieġ waqt li l-prokuraturi jħallsu l-ispejjeż tat-trasport ta' l-istatwa bil-pedestall.[18]

Il-parruċċani ta' Bormla kellhom fiduċja kbira f' Pietro Paolo. Wara li fl-1843 lestielhom l-istatwa ta' San Ġużepp,[19] il-konfraternita' ta' Sant'Agata fl-istess knisja, ħadu deċiżjoni nhar il-5 ta' Jannar 1845 li jordnaw l-istatwa tagħha għandu. Ġimagħtejn wara, fid-19 ta' Jannar, Pietro Paolo aċċetta li jiskolpiha fl-injam skond mudell li kien fil-pussess tiegħu.[20] Dan ix-xogħol ried jigi mwettaq taħt id-direzzjoni ta' l-aħwa pitturi Giuseppe u Vincenzo Hyzler[21] u jitlesta fi żmien tmintax-il xahar għall-prezz ta' 225 skud u li minnhom rċieva 50 skud bil quddiem.[22] Fl-ewwel għaxar xhur ried jillesti abbozz tagħha.

Il-partijiet qablu li l-istatwa kellha tkun maħduma skond is-sengħa u lesta mill-ġibs u xkatlar biex wara tiġi ndurata u mpittra. L-iskultur kellu jipprovdi wkoll l-injam u l-għajnejn. Għalhekk il-prezz miftiehem ma kienx jinkludi l-indduratura, il-pittura u l-pedestall. Azzopardi kien lest li jeħel penali ta' 25 skud jekk ma jlestihiex fiż-żmien miftiehem. Ftit inqas minn sena u

nofs wara, fit-30 ta' Mejju 1847, l-istatwa kienet lesta u approvata mill-aħwa Hyzler.[23]

L-istatwi tal-Madonna tar-Rużarju, San Ġużepp u Sant'Agata ma kinux l-uniċi li ħadem Pietro Paolo għall-parroċċa ta' Bormla. Għall-konfraternita' tal-Kurċifiss ta' l-istess parroċċa fl-1838 hu ġie mqabbad biex jiskolpixxi fl-injam żewġ statwi li jirrappreżentaw il-flaġellazzjoni u inkurunazzjoni ta' Kristu[24] u fl-1855 dik tar-Redentur.[25]

Waħda mill-aħħar xogħlijiet li Pietro Paolo ġie mqabbad jagħmel kienet l-istatwa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib għall-Arċikonfraternita' tas-Santissimu Kurċifiss tal-knisja ta' Ġieżu ġewwa l-belt.[26] Saret laqgħa ġenerali fil-31 ta' Awwisu 1860 fejn il-membri approvaw il-mudell li kien juri lil San Makarju jippriedka u jħares fiss lejn is-Salib u Santa Liena għarkubbtejha tisimgħu. Għalhekk saret sejħa biex jinġabru fondi mingħand il-benefatturi ħalli tkun tista tiġi ordnata l-istatwa.[27]

Xahar wara, fis-27 ta' Settembru, l-iskultur Pietro Paolo aċċetta li jiskolpixxi fl-injam abjad tal-punent (*legno bianco di Ponente*) il-bust, l-irjus, l-idejn u s-saqajn, f'kelma waħda l-ġisem kollu taż-żewġ statwi indikati fil-mudell u b'għajnejn tal-ħġieġ.[28] Dan ix-xogħol ried isir skond il-mudell b'xi tibdil żgħir fil-pożizzjoni tagħhom, mlibbsa xkora biex jiġu iffurmati l-paneġġi tad-drapp, mogħtija l-ġibs, xkatlati u lesti għall-indoratura. Il-wiċċ u l-idejn riedu jitpittru kulur il-karnaġġjon waqt li x-xagħar u l-ħuġbejn kulur naturali.

Dan ix-xogħol ried jitlesta f'ħames xhur żmien għall-prezz ta' 20 lira sterlina. Il-prezz kien jinkludi l-mudell, il-materjal kollu, ix-xogħol u t-trasport. Ġie miftiehem li kemm-il darba jaqbżu l-ħames xhur iżda mhux iktar tard minn tmien xhur u l-istatwi ma jkunux lesti, il-prezz kellu jonqos b'sitt liri. F'każ li dawn it-tmien xhur jgħaddu wkoll u Azzopardi jkun għadu ma temmx ix-xogħol, allura l-konfraternita' kellha d-dritt li tirrifjutahom u ma żżommhomx.[29]

Dawn il-ftit obbligazzjonijiet juruna t-talenti straordinarji ta' dan l-artist-skultur li ħadem taħt kundizzjonijiet aktarx iebsin iżda li rnexxielu jħallilna wirt li tant ipaxxi l-għajn u jżejjen il-knejjes tagħna.

**Konklużjoni**

Minkejja li kienu snin ta' faqar għal pajjiżna xorta waħda saru diversi opri artistiċi fil-knejjes Maltin. F'dawk is-snin, it-tliet skulturi b'kapaċitajiet artistiċi uniċi kienu Pietro Paolo Azzopardi (1791-1875), Xandru Farrugia (1791-1871) u Salvatore Psaila (1798-1871), li tgħallmu din is-sengħa artistika mingħand Marjanu Gerada (1766-1823).[30] Dawn kellhom kompetizzjoni qawwija bejniethom għal din il-kwalità ta' xogħol fl-istatwi li, għalkemm għaddew madwar żewġ sekli minn fuqhom u kellhom bżonn xi restawr, u kultant sarulhom wkoll tibdiliet sostanzjali, għadna sal-lum nistgħu ngawduhom fil-parroċċi tagħna.

**Dok. 1**

*Kuntratt bejn Dun Giuseppe di Stefano u l-iskultur Pietro Paolo Azzopardi biex dan jiskolpixxi fl-injam statwa li tirrappreżenta t-twelid tal-Madonna sat-8 ta' Settembru 1853 għall-prezz ta' 300 skud, 31 ta' Marzu 1853*. ANV, Nut. G. A. Parodi, R 393/90, ff. 697$^{v}$-703.

ġf. 697$^{v}$ħ ġFil-marġniħ Convenzione tra Don Giuseppe di Stefano e Pietro Paolo Azoppardi

Addi Trentauno Marzo dell'anno Mille ottocento Cinquantatre 1853

Costituito personalmente avanti di me Notaro, e testimoni infrascritti il Molto Reverendo Sacerdote Signor Giuseppe di Stefano figlio del Signor Dottor Cundi Salvo della Valletta da una parte, ed il Maestro Pietro Paolo Azzopardi figlio del fu ġf. 698ħ Antonio della Valletta dall'altra da me Notaro conosciuti spontaneamente hanno convenuto, e convengono quanto siegue cioè



*Il-firmatorji tal-kuntratt dwar l-istatwa tal-Bambina tal-mellieħa*

Che il sudetto Azopardi promette, e s'obliga dover costruire per conto del predetto Signor Don Giuseppe una statua di legno rappresentante la Natività di Maria Vergine per essere collacata e messa nella Veneranda Chiesa della Melleha in quest'Isola di Malta.
Che la sudetta statua della Vergine Maria dovrà ġf. 698$^{v}$ħ essere scolpita incarnata, pitturata, indorata, argentata, pronta, e preparata per la festività da aver luogo nel di otto Settembre del corrente anno col suo pedestallo, bradella, aste, e forcine, quale pedestallo dovrà essere uguale a quello che detto Pietro Paolo fece mostrare al detto Don Giuseppe.
Che l'altezza di detta statua dovrà consistere di palmi quattro, e due terzi unitamente col globo formando il tutto palmi sei, ed un quarto misura uguale alla ġf. 699ħ statua ossia Immagine attualmente esistente nella Santa Parrochiale, ed Insigne Colleggiata Chiesa della Città Senglea e della quale si fa uso nella processione della Natività.
Che l'indoratura di detta statua debba consistere nell'ornamento dei contorni del manto, e dell'abito.
Che le nuovale debbano essere argentate, ed il globo pure argentato e pitturato, e trasparente celeste.
Che il pedestallo e la bradella di detta statua ġf. 699$^{v}$ħ dovranno essere pure anche indorate e pitturate.
Che tutto il lavoro per la costruzione di detta statua dovrà eseguirsi dal predetto Azopardi secondo le regole dell'arte, ed a tutta perfezione dimodochè non potrà esso Azopardi trascurare cos'alcuna perchè la detta statua sia costruita nel miglior modo.
Che la statua di cui si è detto sopra dovrà essere pronta, e finita del tutto fino il detto giorno otto Settembre del corrente ġf. 700ħ anno.
E per prezzo di detta statua, e dei lavori da farsi nella stessa nel modo sopra espresso detto Signor Don Giuseppe ha offerto, ed offerisce al sudetto Azopardi la somma di scudi Maltesi trecento, dà quali detto Azopardi dichiara di ricevere dal detto Signor Don Giuseppe scudi settantacinque presenzialmente in moneta d'argento.
Per la qual causa etc.
E gli altri scudi duecento venticinque saldo, e compimento di detti scudi 300 esso Signor Don Giuseppe promette, ġf. 700$^{v}$ħ e s'obliga dare, e pagare come banco in denaro contante nella Città Valletta al predetto Azopardi in quanto ad una terza parte tostochè esso Azopardi avrà terminato il pedestallo di detta statua altra terza parte, allora quando detto Azopardi darà principio all'indoratura della stessa, ed in quanto all'altra terza parte, tostochè la statua sarà del tutto terminata, consignata al sudetto Signor Don Giuseppe e da costui ricevuta di sua piena sodisfazione ġf. 701ħ e piacimento a termini delle obligazioni espresse, e contenute nel presente contratto, e non altrimenti senza alcuna eccezione etc.
E siccome l'impegno del detto Signor Don Giuseppe è quello di vedere terminata la detta statua nel modo premesso fino li 8 Settembre primo a venire del corrente anno, nel quale giorno dovrà detta statua ossia Immagine essere portata e condotta nella processione da aver luogo in detto giorno perciò se la detta statua ġf. 701$^{v}$ħ ossia Immagine non sarà pronta nel detto di per l'effetto premesso, allora, ed in siffatto caso detto Azopardi promette, e s'obliga dare e pagare come banco in denaro contante nella Città Valletta al suddetto Signor Don Giuseppe scudi cinque al giorno dal detto di 8 Settembre corrente anno fino il giorno in cui sarà terminata, e ciò come penale stabilita dà contraenti, e sarà lecito al sudetto Don Giuseppe trattenere l'ammonto di detta penalità dal saldo, ġf. 702ħ e compimento che si obligò pagarli alla terminazione di detta statua, e non altrimenti etc.
Per il quale Pietro Paolo Azopardi ed a favor del detto Signor Don Giuseppe di Stefano per essere rilevato, ed indennizato da tutt' i danni, spese, ed interessi che potrà soffrire nel caso dell'inadempimento del presente contratto in tutte le sue parti, comparisce avanti di me Notaro, e testimoni infrascritti Giuseppe Azopardi figlio del predetto Pietro Paolo della Valletta ġf. 702$^{v}$ħ da me Notaro pure conosciuto spontaneamente l'ha garantito, e garantisce, e come garante, e malevadore si è costituito, e si costituisce insieme, ed insolidum tenuto ed obbligato col detto Pietro Paolo di lui padre, e non altrimenti etc. Rinunciando etc.
Al quale malevadore solidale come sopra, suoi eredi, e beni promette detto Pietro Paolo dover rilevare, ed indenizare da tutt' i danni spese, ed interessi che potrà patire all'occasione della presente malevadoria e non altrimenti etc. Rinunciando etc.
Le quali cose etc. Onde etc.
Fatto nella Città Valletta presenti gl'infrascritti testimoni. Sacerdote Giuseppe di Sterano .. Pietro Paolo Azopardi .. Giuseppe Azopardi .. Chas Show Dalzel Testimonio .. P. L. Luigi Scifo Testimonio

**Dok. 2**
*Dun Giuseppe jistqarr li rċieva l-istatwa u li Pietro Paolo tħallas tagħha, 13 ta' Settembru 1853.* ANV, Nut. G. A. Parodi, R 393/92, ff. 110-111$^{v}$.
ġf. 110ħ (fil-marġni) Quittanza Don Giuseppe di Stefano contro Pietro Paolo Azoppardi.

Addi Tredici Settembre dell'anno Mille ottocento cinquantatre 1853

Compariscono avanti di me Notaro, e testimoni infrascritti il molto Reverendo Signor Don Giuseppe di Stefano figlio del Signor Dottor CundiSalvo da una parte, ed il Maestro Pietro Paolo Azoppardi del fu Antonio dall'altra tutti due della Valletta da me Notaro conosciuto spontaneamente facendo riferenza al ġf. 110$^{v}$ħ contratto di convenzione fatto per atti miei nel di 31 Marzo ultimo scorso hanno dichiarato e dichiarano d'aver il detto Azoppardi adempito l'obligo da lui assunto coll'aver costruito l'Immagine della Beata Vergine Maria per la Chiesa della Melleħa nel modo col quale si è obligato in vigor del detto contratto di convenzione, e che tale Immagine venne accettata dal sudetto Signor Don Giuseppe, e ricevuta di sua piena sodisfazione, e la quale trovasi già ġf. 111ħ collocata nella detta Chiesa tal Melleħa, e non altrimenti etc.
Ciò posto detto Maestro Pietro Paolo dichiara di aver ricevuto, e di ricevere dal detto Signor Don Giuseppe scudi duecento venticinque maltesi in quanto a scudi 75 in vigor dell'inserto ricevo, ed in denaro contante, ed in riguardo gli altri scudi 150 presenzialmente in moneta d'oro, e sono per saldo, e compimento dei lavori di che, e per la costruzione di detta Immagine, ġf. 111$^{v}$ħ e che esso Signor Don Giuseppe si obliga pagare al detto Azoppardi dopo terminata tale Immagine.
E finalmente detti contraenti dichiarano non avere alcuna pretensione l'uno contro l'altro, facendo quittanza reciproca, e non altrimenti etc.
Quittando Rinunciando etc.
Fatto nella Città Valletta presenti gl'infrascritti testimoni Sacerdote Giuseppe di Stefano .. Pietro Paolo Azoppardi .. Dr. S. Mifsud testimonio .. Dr. Marco A. Bardon testimonio.

***Referenzi***
[1] L-ewwel darba li l-Mellieħa tissemma bħala villaġġ kien fl-1575, fir-rapport ta' Monsinjur Pietro Dusina li kien ġie jagħmel Viżita Apostolika, u li sabha mingħajr nies: G. Aquilina OFM u S. Fiorini (ed.), Documentary Sources of Maltese History Part IV Documents at the Vatican No. 1 Archivio Segreto Vaticano Congregazione Vescovi e Regolari Malta: Visita Apostolica no. 51 Mgr Petrus Dusina, 1575,


Valletta li 12 Luglio 1853
103
Ricevo dal Molto Rev.do Don Giuseppe De Stefani, per mano del ... la somma di scudi settantacinque i quali sono il secondo pagamento, ammontando di scudi 300, valore della Statua della Nat. di M. V. da me come per atto del Notaro Parodi stipulato li 31 Mar... 30 marzo 1853. Dico ₤ 75:...
Pietro Paolo Azzopardi

*L-Irċivuta tal-75 Skud imħħalsa bil-quddiem minn Dun Ġiuseppi di Stefano lil Pietro Paolo azzopardi*


Eccellenza Rev.ma

... Ricorso del Sac. Giuseppe De-Stefano, ove nome proprio, e di sua genitrice, domanda perchè venisse da questa Parle Chiesa alla mia cura affidata, accettato un donativo che si è proposto di fare della Immagine ossia statua rappresentante il Titolare della predetta Chiesa.

Sul proposito io devo sottomettere all'oculatezza dell'Ecc.ma Vra Rev.ma che nella formazione di detta opera abbia io prestato la mia adesione qualor fosse riuscita tale da eccitare devozione al pubblico, e qualora esposta il donante si obligasse in forma juris valida di contribuire annualmente il necessario nell'occasione d'una

*Parti mir-Rikors tal-kappillan Baldacchino biex jaċċetta l-istatwa mogħtija min Gun Giuseppe di Stefano*

Malta 2001, pp. 187-8. Ara wkoll G. Wettinger, 'Mellieħa in the Middle Ages', fi Mellieħa Through the Tides of Time, ed. J. Catania, Malta 2002, pp. 41-7.

2 Kien proprju fl-20 ta' Marzu 1841 li l-Isqof Caruana ħareġ l-editt tiegħu għal dan il-għan iżda minħabba t-tilwim mal-parroċċi tan-Naxxar u tal-Mosta kellu jinħareġ ieħor fl-1844: A. Bonnici, Il-Mellieħa Fid-Dawl ta' Ġrajjiet is-Santwarju u l-Parroċċa, Malta 1994, pp. 77-94.

3 Ibid., pp. 107-12. Ara wkoll id., 'The shrine and the parish church', fi Mellieħa Through the Tides of Time, pp. 59-76.

4 Pietro Paolo kien jiffirma kunjomu fi tliet forom differenti: Azzoppardi, Azoppardi u Azzopardi. Għal tagħrif bijografiku fuq l-artist, ara E. F. Montanaro, 'Pietro Paolo Azzopardi – A Forgotten Sculptor', fi Proceedings of History Week 1981, ed. M. Buhagiar, Malta 1982, pp. 61-6.

5 A(rkivju) N(utarili) V(alletta), Nut(ar). G. A. Parodi, R 393/90, ff. 697v-703. Il-kuntratt oriġinali jinsab idem., Ms. 1002/107, ff. 590-591v. Ara Dok. 1.

6 Għal aktar tagħrif dwar meta u min seta' ħadem l-istatwa tal-Bambina għal din il-parroċċa: A. Bonnici, L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Satwarju ta' Marija Bambina, i, Malta 1981, pp. 123-32, 135-8 u 167.

7 Fit-12 ta' Lulju 1853 Pietro Paolo rċieva 75 skud: ANV, Nut. G. A. Parodi, Ms. 1002/109, f. 103. Xahrejn wara, fit-13 ta' Settembru, l-partijiet stqarru li kienu sodisfatti: ibid., ff. 102-102v. Il-kopja tal-oriġinal tinsab idem., R 393/92, ff. 110-111v. Ara Dok 2.

8 Għal-aktar dettalji fuq il-wasla ta' l-istatwa mill-Belt sal-Mellieħa, ara l-ġurnal ta' kull ġimgħa ta' dak iż-żmien, L'Ordine, 16 ta' Settembru 1853, p. 4160. Ara wkoll Montanaro, p. 71. Ta' min isemmi wkoll li fl-4 ta' Settembru 1853 il-kappillan tal-Mellieħa Dun Guzepp Baldacchino kien għamel supplika lill-istess Isqof biex ikun jista' jaċċetta d-donazzjoni ta' l-istatwa mingħand Dun Giuseppe di Stefano. Din it-talba kienet ġiet aċċettata. Ara APM. 20 supp. 16.

9 Għal aktar dettalji fuq ir-restawr tal-istatwa, ara J. Cauchi, 'L-Istatwa Artistika ta' Marija Bambina', fi Programm Festa Maria Bambina 1978, pp. 2-3 u M. Debono, 'L-Istatwa ta' Marija Bambina mal-medda tas-snin', fi Programm Festa Maria Bambina 2003, pp. 9-11.

10 P. P. Castagna, Lis storia Ta Malta Bil Gzejer Tahha, i, Ed. Faksimile, Malta 1985, p. 205.

11 Ibid., pp. 205-6 u Montanaro, pp. 69-74.

12 M. Sagona, 'A 'new' work by Pietro Paolo Azzopardi', fi The Sunday Times ġMalta], 25 ta' Novembru 2001.

13 ANV, Nut. C. Battajille, Ms. 566/8, ff. 320-321.

14 Pietro Paolo kellu jirċievi 125 skud malli jikkunsinja l-istatwa u l-kumplament tliet xhur wara: ibid.

15 Fil-21 ta' April 1828 Pietro Paolo rċieva 125 skud bħala parti mill-ħlas: ibid., Ms. 566/10, ff. 202-202v. Ħames xhur wara, fit-22 ta' Settembru, hu rċieva 42 skud 3 tarì 2 grani bħala parti oħra mill-ħlas: ibid., ff. 508-508v. Fis-7 ta' Ġunju 1829 il-kumplament għadda għand xi kredituri tiegħu: ibid., Ms. 566/11, ff. 249-251v. Dan jista' jfisser li l-iskultur kien qed jgħix fil-faqar bħalma kien ġralu fis-sena fl-1831: Ġ. Aquilina OFM, Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt, Malta 1986, p. 34.

16 Għal aktar dettalji, ara Montanaro, pp. 61-4.

17 ANV, Nut. C. Battajille, Ms. 566/35, ff. 694-695.

18 Fit-8 ta' Ottubru 1854 Pietro Paolo rċieva 145 skud għax id-differenza kienet diġa tħallset: ibid., Ms. 566/36, ff. 616-617.

19 Montanaro, pp. 70-1.

20 ANV, Nut. C. Battajille, Ms. 566/27, ff. 24-26.

21 Għal aktar tagħrif fuq l-aħwa Hyzler, ara J. Calleja, Giuseppe Calleja 1828-1915 The Man The Teacher The Artist, Malta 1992, pp. 33-48 u 99-102 u Castagna, pp. 226-27.

22 Il-partijiet ftehmu li 87 skud 6 tarì jitħallsu wara li Azzopardi jlesti l-abbozz tal-istatwa u l-istess ammont jit]allas wara li l-aħwa Hyzler japprovawlu x-xogħol: ANV, Nut. C. Battajille, Ms. 566/27, ff. 24-26.

23 Ibid., Ms. 566/29, ff. 351-352.

24 Fis-6 ta' Mejju 1838 Azzopardi ffirma dan il-ftehim: ANV, Nut. C. Battajille, R 52/20, ff. 321v-323v. Tliet snin wara, fit-18 ta' April 1841, ix-xogħol kien mitmum: ibid., R 520/23, ff. 348v-350. Ara ukoll Montanro, p. 69.

25 Montanaro, pp.72-4.

26 Għal din l-Arċikonfraternita fl-1830 Pietro Paolo ħadem l-istatwa ta' Ġesù marbut mal-kolonna u flaġellat: Aquilina, p. 34.

27 ANV, Nut. A. Frendo Micallef, Ms. 845/8, p. 857.

28 Ibid., pp. 850-856.

29 Għalkemm kienu għaddew sena u tmien xhur minn meta sar il-ftehim, kien fid-9 ta' Mejju 1862, li Azzopardi stqarr li tħallas u rċieva l-20 lira sterlina kif miftiehem: ibid., Ms. 845/12, pp. 697-700. Fl-1900 dawn l-istatwi nxtraw minn ċertu Antonio Portelli (Għawdxi) u llum jinsabu fl-Oratorju ta' ma' ġenb il-knisja ta' San Franġisk ġewwa Victoria, Għawdex: Montanaro, p. 74.

30 Castagna, pp. 205-6.